MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 403/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet li huma formalment separati u dan permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo fid-19 [recte: 4] ta' Settembru 2003 – Dok. A – zzewgu fis-17 ta' Ottubru 1998, kif jirrizulta minn anness certifikat taz-zwieg – Dok. B.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet binthom minorenni li jisimha Nicole.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u dan skond l-Artikolu 19(d) tal-Kapitlu 255, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan skond l-Artikolu 19(f) tal-Kapitlu 255, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi matul dawn il-proceduri se jirrizulta wkoll li kien hemm simulazzjoni tal-kunsens, tant li dan kien kompletament vizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-partijiet A B u C B tas-17 ta' Ottubru 1998, huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, u taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji, u opportuni f' dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt biex jixhed in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-intimat jaderixxi ruhu mat-talba tar-rikorrenti martu, u ghalhekk filwaqt li ma jopponix ghat-talbiet taghha, jaqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija, tmienja u disghin (1998) ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Illi dan purche ma jkunx dikjarat illi z-zwieg de quo huwa null u bla effett ghal xi tort esklussivament imputabbli lilu;

3. Illi ghalhekk, t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti sa fejn jimplikaw li t-tort li jaghti lok ghan-nullita' taz-zwieg, huwa imputabbli unikament lill-intimat, u dan peress illi z-zwieg huwa null u bla effett ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet u dan peress illi l-kunsens tal-partijiet kien ivizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha ai termini ta' l-Artikolu 19(f) tal-Kap 255;

4. Illi ghalhekk, l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-17 ta' Ottubru 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenut, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut, jattribwixxi din in-nullita' liz-zewg partijiet, u jichad l-imputazzjoni in kwantu diretta unikament lejh.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Ottubru 1998 meta allura l-attrici kellha 18-il sena u l-konvenut kellu 20 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin

ghal anqas minn sena, u meta l-attrici kellha erba xhur tqala. Sussegwentement twieldet it-tarbija fl-10 ta' Marzu 1999. Wara konvivenza matrimonjali ta' aktar minn tlett snin il-partijiet isseparaw de facto, u eventwalment fl-4 ta' Settembru 2003 huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni.

Illum il-gurnata l-attrici ghandha relazzjoni ma' iehor ragel u ghandha tifel ta' ghaxar xhur, u wkoll qed tistenna tarbija ohra.

Illi mill-provi jirrizulta li minn eta' zghira hafna l-attrici qabdet id-dixxiplina taz-zfin latin american, u fuq parir tal-ghalliema taghha, hija kienet waqfet tizfen mal-kugin taghha, u bdiet tfittex persuna ohra, interessata daqsaha fiz-zfin, u li kellha l-potenzjal li kellha hi; u dan sabiex tkun tista' tibqa' tavvanza. Eventwalment sabet lill-konvenut.

L-attrici tghid li hi ma kellhiex grazzja mieghu, izda kien konvenjenti ghaliha, peress li kienet thoss li mieghu kienet ser tavvanza fil-karriera taghha. Wara ftit taz-zmien, dan ha grazzja maghha u ried johrog maghha; u hi, ghalkemm ma kienx joghgobha, kienet eventwalment accettat peress li kien qallha li kien ser jitlaq. Wara xi tmien xhur li bdew johorgu flimkien l-attrici harget tqila, u ommha kienet ippressathom sabiex jizzewwgu, u di fatti kienet qaltilhom li ser thallsihom kollox. Sadanittant, f' dawk l-erba xhur ta' qabel iz-zwieg il-konvenut hassar ir-relazzjoni peress li ma riedx li jizzewweg, izda eventwalment accetta, u l-partijiet marru joqghodu ghand omm l-attrici.

L-attrici spjegat li anke hi kienet riluttanti li tizzewweg, tant li tikkonferma illi kieku ma kienx ghat-tqala hija ma kienitx tizzewwgu. Tghid: "Zammejt il-karriera bhala prijorita' ghax il-fatt kien li jiena qatt ma kelli grazzja mieghu….[omissis]…. "nahseb li jiena l-ewwel haga li zammejt f' mohhi kienet illi rrid nizfen mieghu, ghax ghandi karriera, u anke l-pressjoni li kellna, [kienu jghidulna] 'tajbin flimkien u dak tidrah."[1]

[1] Fol.29

Hi tirrakkonta kif matul il-hajja konjugali huma kuljum kienu jaghmlu hin twil jizfnu sabiex jipperfezzjonaw id-dixxiplina taghhom. Tghid: "konna nipprattikaw kuljum ghax ahna ghamilna erba' snin champions ta' Malta, tal-latin american u daqqa mistiednin nizfnu l' hemm, daqqa nikkompetu barra."[2] Tghid ukoll li minhabba f' hekk kienet tieghu l-prekawzjonijiet sabiex ma tergax tohrog tqila.

Sussegwentement, meta waqfu jipprattikaw iz-zfin, "bdejt ninnota li ahna totalment differenti fil-karattru; u li qatt ma kellna dik l-opportunita' li nohorgu niddjalogaw, nieklu [flimkien]; ahna konna xogholna dejjem zfin, igri u gerri, flixkun ilma u zfin….. sussegwentement bdejt ninnota li affarijiet ta' sugu f' relazzjoni ta zwieg ma' kienx hemm."

Minn naha tieghu l-konvenut in sostanza jikkonferma l-verzjoni ta' l-attrici; u jikkonferma illi kieku ma kienitx ghat-tqala' u ghall-pressjoni ezercitata fuqu, huwa ma kienx jizzewweg. Jghid: "Prattikament jiena ma ridtx nizzewweg, ridt naghmel l-affarijiet normali, halli nimxi step by step, imma d-decizjoni taghhom kienet, l-ewwel nett pressure minn naha tal-familja taghha wkoll."[3] Hu tul id-depozizzjoni tieghu baqa' jikkonferma li ma riedx jizzewweg, u jispjega li "kont ghadni zghir, kont ghadni nixtri l-karrozza, kelli d-dejn u ma kontx ippreparat."[4] Jikkonkludi hekk ix-xhieda tieghu: "No, ma kontx nizzewweg. L-ewwel haga huma qabblu li nizzewwgu. Le ma kontx nizzewweg ghax kont nemmen li t-tifla xorta titrabba.."[5]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-premess jirrizulta car li meta l-partijiet izzewwgu huma, ma kienux liberi li jaghmlu xelta volontarja li jidhlu f' rabta li torbothom permanentement bl-obbligi kollha li l-hajja konjugali timporta. L-attrici minn naha taghha kienet ossessjonata bil-karriera taghha, u moghmija bl-ambizzjoni li tibqa' champion fil-qasam taghha. Jidher car li ghaliha l-konvenut kien mezz iehor sabiex hija tihaq il-

[2] Fol.31
[3] Fol.50
[4] Fol.57
[5] Fol.60

potenzjal taghha, filwaqt li z-zwieg kien biss mezz biex izzommu maghha u ssolvi, minghaliha, problema li nqalet bit-tqala'. Minn naha tieghu l-konvenut izzewweg kontra r-rieda tieghu, u halla lilu nnifsu jingarr bid-decizjoni li ha haddiehor.

Ghaldaqstant il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg imputati l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju konsistenti fl-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] li jaghrfu u jirriflettu, u li jiddecidu liberalment fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali; partikolarment l-attrici li kienet mahkuma minn impulsi nterni li privawha mill-liberta tal-ghazla, u li kienu determinanti ghall-istess ghazla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha, stante li z-zwieg huwa null fit-termini ta' l-artikolu precitat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Ottubru 1998. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------